IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2013
COM(2013) 18 final

2013/0012 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 5 final}
{SWD(2013) 6 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST U L-GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

L-istrateġija ta’ Ewropa 2020[1] għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, fl-Inizjattivi Ewlenin tagħha "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" u "Unjoni tal-Innovazzjoni", timmira li tindirizza l-isfidi soċjali, bħat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-iskarsezza tar-riżorsi, li ssaħħaħ il-kompetittività, u li tikseb is-sigurtà tal-enerġija b'użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija. Bi qbil ma' din l-istrateġija, il-*White Paper* "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"[2] appellat biex it-trasport Ewropew jinqata' mid-dependenza fuq iż-żejt, u stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport sal-2050. L-istess *White Paper* tħabbar li l-Kummissjoni se tiżviluppa “*strateġija sostenibbli għall-fjuwils alternattivi inkluża wkoll l-infrastruttura xierqa*” (l-Inizjattiva 24), u tippubblika “*linji gwida u standards għall-infrastrutturi tat-teħid tal-fjuwil*” (l-Inizjattiva 26).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi[3] tevalwa l-għażliet ewlenin disponibbli ta’ fjuwils alternattivi biex jieħdu post iż-żejt filwaqt li jikkontribwixxu lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport, u tissuġġerixxi lista komprensiva ta’ miżuri għall-promozzjoni tal-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi fl-Ewropa, li jistgħu jikkomplementaw politiki oħra għat-tnaqqis fil-konsum taż-żejt u fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport.

L-għażliet ewlenin ta’ fjuwils alternattivi huma l-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils, il-gass naturali (fil-forma ta' Gass Naturali Kkompressat (CNG), Gass Naturali Likwifikat (LNG), jew Gass-għal-Likwidu (GTL)), u l-Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG).

In-nuqqas ta’ infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, u n-nuqqas ta’ speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-interfaċċa bejn il-vetturi u l-infrastruttura korrispondenti, jitqiesu xkiel kbir għall-introduzzjoni fis-suq ta' fjuwils alternattivi, kif ukoll għall-aċċettazzjoni tagħhom mill-konsumaturi.

Din il-proposta għal Direttiva timmira li tiżgura l-bini ta’ infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, u l-implimentazzjoni ta’ speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal din l-infrastruttura fl-Unjoni. L-għan tagħha hija li tħaffef il-ħidma tal-forzi tas-suq, u li tikkontribwixxi, b'din l-inizjattiva, għat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa.

## 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni wettqet ħidma ta’ tħejjija estensiva, u konsultazzjonijiet mal-industrija u s-soċjetà ċivili permezz tal-Grupp ta’ Esperti Ewropej dwar Fjuwils Futuri għat-Trasport fl-2010-2011 u konsultazzjoni mmirata f'Novembru u Diċembru 2011, mal-esperti mill-Istati Membri permezz tal-Grupp Espert Konġunt għat-Trasport u l-Ambjent fl-2011, mal-esperti mill-industrija tal-karozzi mill-Istati Membri, mal-industrija u s-soċjetà ċivili fil-Grupp ta’ Livell Għoli CARS 21 fl-2010-2012, u mal-pubbliku ġenerali permezz ta’ konsultazzjoni pubblika fuq l-internet bejn Awwissu u Ottubru 2011, kif ukoll konferenza dwar "Fjuwils Futuri

[1] COM(2010) 2020 finali.
[2] COM(2011) 144 finali.
[3] COM(2013) 17.

għat-Trasport" fil-qafas tal-"Ġimgħa tal-Unjoni Ewropea għall-Enerġija Sostenibbli" tal-2011.

Ir-rapporti mħejjija miż-żewġ Gruppi ta' Esperti u mill-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, is-sommarji tal-konferenza pubblika u tal-kontributi li waslu mill-pubbliku kif ukoll tal-konsultazzjonijiet immirati ma' partijiet interessati, ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni[4].

Saru diversi studji. Id-dokument "Study on Clean Transport Systems" stħarreġ il-kontribuzzjonijiet possibbli tal-fjuwils alternattivi biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-*White Paper* dwar it-Trasport. Id-dokument "CTS Implementation Study on Alternative Fuels Infrastructure" vvaluta diversi għażliet biex tiġi żviluppata infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-UE kollha[5]. L-istudju "EU Transport GHG: Routes to 2050"[6] indirizza speċifikament il-kwistjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni rilevanti għal din l-inizjattiva, u s-sejbiet tiegħu saħqu fuq ir-rwol kritiku li għandu jiżvolġi t-titjib kontinwu fl-effiċjenza teknika tal-vetturi b'mod parallel mal-fjuwils alternattivi, sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tal-pakkett globali ta' politika.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt, ippreżentata flimkien ma' din il-proposta, stħarrġet is-sitwazzjoni tal-infrastruttura għall-għażliet ewlenin ta' fjuwils alternattivi. Ivvalutat għażliet differenti ta' politika għall-bini meħtieġ ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi u għall-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta ta' Direttiva tfassal rekwiżiti għall-istabbiliment ta' oqfsa ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, kif ukoll għall-bini ta' infrastruttura minima għall-fjuwils alternattivi, inkluża l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni.

Qed tiġi proposta kopertura ta' infrastruttura minima obbligatorja għall-elettriku, l-idroġenu, u l-gass naturali (is-CNG u l-LNG), li hija essenzjali għall-aċċettazzjoni ta' dawn il-fjuwils alternattivi min-naħa tal-konsumaturi (l-adozzjoni tas-suq) kif ukoll għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tat-teknoloġija min-naħa tal-industrija.

Din il-proposta tirrikjedi l-istabbiliment ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi minn kull Stat Membru, b'10 % minnhom ta' aċċess pubbliku. Tiddefinixxi għadd minimu għal kull Stat Membru, ibbażat fuq il-miri nazzjonali għall-vetturi elettriċi diġà stabbiliti f'bosta Stati Membri, u estrapolazzjoni għall-għadd totali li wieħed jista' jistenna għall-Unjoni kollha. Wieħed jista' jistenna għadd kbir ta' vetturi elettriċi fl-Istati Membri bl-ogħla rati ta' urbanizzazzjoni, hekk kif il-vetturi elettriċi jiġu implimentati prinċipalment fl-agglomerazzjonijiet urbani, minħabba limitazzjonijiet fil-firxa ġeografika, u bl-impatt pożittiv importanti għat-

---

4 http://ec.europa.eu/transport/urban/cts/doc/2011-01-25-future-transport-fuels-report.pdf; http://ec.europa.eu/transport/urban/cts/doc/2011-12-2nd-future-transport-fuels-report.pdf; http://ec.europa.eu/transport/urban/cts/doc/jeg_cts_report_201105.pdf; http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/cars-21-final-report-2012_en.pdf http://ec.europa.eu/transport/urban/events/2011_04_13_future_transport_fuels_en.htm; http://ec.europa.eu/transport/urban/consultations/doc/cts/report-on-results.pdf; http://ec.europa.eu/transport/urban/studies/doc/2012-08-cts-implementation-study.pdf

5 http://ec.europa.eu/transport/urban/studies/urban_en.htm.

6 www.eutransportghg2050.eu

tnaqqis tal-emissjonijiet li jniġġsu u għat-tnaqqis tal-istorbju. Barra minn hekk, il-vetturi elettriċi jeħtieġu mill-inqas żewġ punti ta' ċċarġjar għal kull vettura disponibbli għall-iċċarġjar sħiħ, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' ċċarġjar ta' aċċess pubbliku għall-iċċarġjar intermittenti biex tingħeleb l-ansjetà minħabba l-firxa ġeografika limitata.

L-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni hija meħtieġa għall-interfaċċi bejn il-punti ta' ċċarġjar u l-vetturi, kif ukoll għall-forniment tal-elettriku fuq ix-xatt lill-bastimenti ta' fuq l-ilma.

Il-punti eżistenti ta' forniment tal-idroġenu, mibnija s'issa fil-qafas ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' vetturi tal-idroġenu, se jiġu kkomplementati sabiex ikopru żona li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ta' dan it-tip ta' vetturi fit-territorju kollu nazzjonali. Dan kieku jippermetti lill-vetturi tal-idroġenu jiċċirkolaw mal-Unjoni kollha, u jista' jservi ta' bażi għall-bini possibbli, aktar 'il quddiem, ta' netwerk mifrux mal-Ewropa kollha. L-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni hija meħtieġa għall-punti ta' forniment tal-idroġenu.

Se jinbnew punti ta' forniment tal-LNG fil-portijiet kollha marittimi u tal-ilmijiet interni, kif ukoll tul l-awtostradi, b'intervalli ta' distanza massima, tan-Netwerk Trans-Ewropew Ewlieni tat-Trasport (TEN-T). L-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni hija meħtieġa għall-punti ta' forniment tal-LNG, kif ukoll għall-punti ta' riforniment tas-CNG għall-vetturi bil-mutur.

Se jinbnew punti ta' forniment tas-CNG sal-livell meħtieġ biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi bis-CNG mal-Unjoni kollha.

Teħtieġ informazzjoni ċara u sempliċi dwar il-kompatibbiltà tal-fjuwils u tal-vetturi eżistenti fis-suq, sabiex tkun disponibbli għall-konsumaturi fil-pompi tal-punti kollha ta' forniment, fil-manwali tal-vetturi, u fuq il-vetturi stess.

Permezz ta' atti ddelegati, ikunu jistgħu jsiru reviżjonijiet tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, tal-kopertura tal-infrastruttura, u tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-fjuwils u l-infrastruttura tagħhom.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tkun tista' ssir definizzjoni tal-mezzi għall-informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-fjuwils u l-kompatibbiltà tagħhom mal-vetturi.

L-elementi kollha essenzjali meħtieġa għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva huma inklużi fl-Artikoli, fl-annessi u fil-premessi ta' din il-proposta. Għaldaqstant, mhumiex meħtieġa dokumenti ta' spjegazzjoni.

### 3.1. Bażi legali - Forma tal-att legali

Din il-proposta ta' Direttiva timmira li tikkontribwixxi lejn it-trasport sostenibbli fit-tul, permezz tal-appoġġ għall-bini ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi. Din l-azzjoni tissejjes fuq l-Artikolu 91(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-obbligi kkwantifikati stabbiliti f'din il-proposta jiżguraw qafas prevedibbli għall-industrija u għall-konsumaturi. L-Istati Membri huma mitluba jimplimentaw oqfsa ta' politika nazzjonali, li għalihom jingħata sett minimu ta' elementi f'din il-proposta ta' Direttiva. Madankollu, l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jagħżlu l-metodi ta' traspożizzjoni biex jiksbu l-għanijiet imfassla. Il-flessibbiltà fit-traspożizzjoni tad-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jużaw l-istrumenti li jqisu l-aktar kosteffiċjenti biex jilħqu l-miri ddefiniti minn din id-Direttiva.

## 3.2 Kontenut tal-proposta

L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li tirrikjedi l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u l-bini ta' infrastruttura minima għall-elettriku, għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG), u għall-idroġenu bħala fjuwils alternattivi għat-trasport.

L-Artikolu 2 fih id-definizzjonijiet tat-termini għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 3 jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom. Fih ukoll dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u dispożizzjonijiet dwar l-obbligu ta' rappurtar lill-Kummissjoni u l-valutazzjoni sussegwenti tal-oqfsa msemmija ta' politika nazzjonali mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 4 jistipula rekwiżiti dwar għadd minimu ta' punti ta' ċċarġjar tal-vetturi elettriċi għal kull Stat Membru, u speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li għandhom jintlaħqu minn din l-infrastruttura.

L-Artikolu 5 jirrikjedi li, fit-territorju tal-Istati Membri fejn diġà jeżistu punti ta' forniment tal-idroġenu, jiġu pprovduti għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment tal-idroġenu biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu fit-territorju kollu nazzjonali. Jiddefinixxi wkoll speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li għandhom jintlaħqu minn din l-infrastruttura.

L-Artikolu 6 jirrikjedi li l-portijiet kollha marittimi u tal-ilmijiet interni, kif ukoll it-toroq tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T, ikunu mgħammra b'punti ta' forniment tal-LNG, u jiddefinixxi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li għandhom jintlaħqu minn din l-infrastruttura. Jirrikjedi wkoll li jiġu pprovduti għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment tas-CNG, f'intervalli ta' distanza massima, biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni mal-Unjoni kollha tal-vetturi tas-CNG, u jiddefinixxi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li għandhom jintlaħqu mill-punti ta' forniment tas-CNG.

L-Artikolu 7 jiddefinixxi elementi komuni ta' informazzjoni għall-konsumaturi dwar il-fjuwils u l-kompatibbiltà tagħhom mal-vetturi, li għandha tkun disponibbli fil-pompi tal-punti ta' forniment, fil-manwali tal-vetturi, u fuq il-vetturi nfushom.

L-Artikolu 8 jispeċifika l-proċedura għall-atti ddelegati.

L-Artikolu 9 jispeċifika l-proċedura ta' Kumitat għall-atti ta' implimentazzjoni.

L-Artikolu 10 jfassal l-iskedar u l-kontenut tar-rapporti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 11 jiddefinixxi l-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll il-proċedura ta' notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali.

L-Artikolu 12 jispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Anness I jiddefinixxi l-għadd minimu ta' elementi li għandhom jiġu inklużi fl-oqfsa ta' politika nazzjonali.

L-Anness II jistipula l-għadd minimu ta' punti ta' ċċarġjar tal-vetturi elettriċi li għandhom jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru.

L-Anness III jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' ċċarġjar tal-vetturi elettriċi, għall-forniment tal-elettriku fuq ix-xatt għall-bastimenti, għall-punti ta' forniment tal-idroġenu, għall-punti ta' forniment tal-gass naturali (l-LNG u s-

CNG), u l-istandards tal-fjuwil li għandhom jintużaw għall-informazzjoni tal-konsumaturi, li għandha tiġi pprovduta fuq il-fjuwils tat-trasport.

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Id-dritt tal-Unjoni li taġixxi fil-qasam tat-trasport huwa stipulat fl-Artikoli 90 u 91 tat-TFUE, fit-Titolu VI dwar il-Politika Komuni tat-Trasport.

Teħtieġ inizjattiva tal-UE f'dan il-qasam għaliex l-Istati Membri ma għandhomx l-istrumenti legali meħtieġa biex jiksbu koordinazzjoni pan-Ewropea f'termini tal-bini u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi.

Il-valur miżjud mill-azzjoni Ewropea f'dan il-qasam jitnissel min-natura tranżnazzjonali tal-problema identifikata, jiġifieri n-nuqqas ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi. Jeħtieġ li l-manifatturi tal-vetturi, tal-bastimenti u tat-tagħmir jipproduċu fuq skala kbira għal suq uniku tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li jkunu kapaċi jserrħu fuq żviluppi konsistenti mal-Istati Membri kollha. B'mod simili, il-konsumaturi u l-utenti tat-trasport jistennew li jkun hemm mobbiltà pan-Ewropea għall-vetturi u l-bastimenti li jużaw fjuwils alternattivi. L-azzjoni Ewropea tista' tipprovdi l-koordinazzjoni meħtieġa fuq il-livell tas-suq sħiħ tal-Unjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni mal-UE kollha.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Sabiex tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-azzjoni proposta tindirizza biss il-fjuwils alternattivi tal-elettriku, l-idroġenu, u l-gass naturali (l-LNG u s-CNG) li għalihom il-fallimenti tas-suq jirrikjedu l-intervent pubbliku, flimkien ma' żewġ modi ta' trasport (bit-triq u fuq l-ilma) li għalihom l-iżvilupp ta' netwerk minimu neċessarju ma jistax jinkiseb mingħajr appoġġ mill-Unjoni. Dawn is-setturi jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-volumi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri. F'dawn is-setturi, l-użu ta' fjuwils alternattivi huwa essenzjali biex tinqata' d-dipendenza fuq iż-żejt, biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Kostijiet limitati biss, marbutin mas-segwiment tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, ikollhom implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

2013/0012 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni ta’ infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[7],

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv"[10], il-Kummissjoni timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u s-sigurtà tal-enerġija b'użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija.

(2) Il-*White Paper* "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"[11] appellat biex tinqata' d-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt. B'konsegwenza ta’ dan, il-Kummissjoni ntrabtet li tiżviluppa strateġija sostenibbli għall-fjuwils alternattivi, flimkien mal-infrastruttura adegwata. Il-*White Paper* stipulat ukoll mira ta’ tnaqqis ta’ 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) mit-trasport sal-2050.

(3) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE[12] stabbiliet mira ta’ sehem tas-suq ta’ 10 % għas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija fil-fjuwils tat-trasport.

---

7 ĠU C , , p. .
8 ĠU C , , p. .
9 ĠU C , , p. .
10 COM(2010) 2020.
11 COM(2011) 144.
12 ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

(4) Abbażi tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-esperti nazzjonali, kif ukoll mill-esperjenza miksuba[13], l-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils, il-gass naturali, u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) ġew identifikati bħala l-fjuwils alternattivi ewlenin b'potenzjal li jissostiwixxu ż-żejt u jilħqu d-dekarbonizzazzjoni fit-tul.

(5) Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 tas-6 ta' Ġunju 2012[14] jiddikjara li n-nuqqas ta' infrastruttura armonizzata għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jfixkel l-introduzzjoni fis-suq ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi, u jdewwem il-benefiċċji ambjentali tagħhom. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni CARS 2020 għall-industrija tal-karozzi fl-Ewropa tilqa' r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, u tippreżenta Pjan ta' Azzjoni bbażat fuqhom[15]. Din id-Direttiva dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi hija waħda mill-azzjonijiet ewlenin imħabbra mill-Kummissjoni.

(6) Għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba l-introduzzjoni mhux ikkoordinata fis-suq tal-fjuwils alternattivi. Għaldaqstant, oqfsa ta' politika kkoordinati tal-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu s-sigurtà fit-tul meħtieġa għall-investiment privat u pubbliku fit-teknoloġija tal-vetturi u tal-fjuwils, kif ukoll fil-bini tal-infrastruttura. B'hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa ta' politika nazzjonali li jfasslu l-għanijiet, il-miri u l-azzjonijiet ta' appoġġ tagħhom għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, inkluża l-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi implimentata. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' Stati Membri oħra fil-viċin tagħhom, fuq il-livell reġjunali jew makroreġjunali, permezz tal-konsultazzjoni jew ta' oqfsa konġunti ta' politika, b'mod partikulari fejn ikunu meħtieġa l-kontinwità tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi bejn il-fruntieri nazzjonali, jew il-bini ta' infrastruttura ġdida qrib il-fruntieri nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni ta' dawn l-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-koerenza tagħhom fuq il-livell tal-UE, billi twettaq evalwazzjoni perjodika tagħhom.

(7) Il-fjuwils inklużi fl-oqfsa nazzjonali tal-politika biss għandhom ikunu eliġibbli għall-miżuri ta' appoġġ tal-Unjoni u nazzjonali għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, sabiex l-appoġġ pubbliku jkun jista' jiffoka fuq żvilupp koordinat tas-suq intern, lejn mobbiltà mal-Unjoni kollha bl-użu ta' vetturi u bastimenti li jużaw fjuwils alternattivi.

(8) Se jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bi qbil mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-TFUE.

(9) Il-bijofjuwils huma fjuwils prodotti mill-bijomassa, kif inhu ddefinit fid-Direttiva 2009/28/KE[16]. Il-bijofjuwils bħalissa huma l-aktar tip ta' fjuwils alternattivi importanti, u jikkorrispondu għal madwar 4.4 % tat-trasport tal-UE. Jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ġenerali tas-CO2, jekk jiġu prodotti b'mod sostenibbli u ma jikkawżawx tibdil indirett fl-użu tal-art. Jistgħu jipprovdu enerġija nadifa lill-modi kollha tat-trasport. Madankollu, restrizzjonijiet fuq il-provvista u kunsiderazzjonijiet rigward is-sostenibbiltà jistgħu jillimitaw l-użu tagħhom.

(10) In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta'

13 COM(2013) 17.
14 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/cars-21-final-report-2012_en.pdf.
15 COM(2012) 636 finali, 8.11.2012.
16 ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

mobbiltà mal-UE kollha fuq in-naħa tad-domanda. Jeħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, partikularment għall-elettriku, għall-idroġenu u għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG).

(11) L-elettriku huwa fjuwil nadif partikularment attraenti għall-implimentazzjoni ta' vetturi elettriċi u vetturi elettriċi b'żewġ roti f'agglomerazzjonijiet urbani, li jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-arja u jnaqqas l-istorbju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jinbnew b'kopertura suffiċjenti, tal-anqas darbtejn l-għadd ta' vetturi, b'10 % minnhom ta' aċċess pubbliku, u b'enfażi partikulari fuq l-agglomerazzjonijiet urbani. Is-sidien privati tal-vetturi elettriċi jiddependu fil-biċċa l-kbira mill-aċċess għal punti tal-iċċarġjar f'parkeġġi kollettivi, bħal fi blokok tal-appartamenti, uffiċċji u postijiet tan-negozju. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet regolatorji mill-awtoritajiet pubbliċi, li jgħinu liċ-ċittadini billi jiżguraw li tiġi pprovduta, mill-iżviluppaturi u l-maniġers tas-sit, l-infrastruttura xierqa b'punti suffiċjenti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

(12) Meta tiġi żviluppata l-infrastruttura għall-vetturi elettriċi, għandha titqies l-interazzjoni ta' dik l-infrastruttura mas-sistema tal-elettriku, kif ukoll il-politika tal-elettriku tal-Unjoni. L-istabbiliment u l-operat tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi għandhom jiġu żviluppati bħala suq kompetittiv b'aċċess miftuħ għall-partijiet kollha interessati fl-implimentazzjoni jew fl-operat tal-infrastrutturi tal-iċċarġjar.

(13) Il-vetturi elettriċi jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema elettrika billi jiċċarġjaw il-batteriji tagħhom mill-grilja f'ħinijiet ta' domanda ġenerali baxxa għall-elettriku, u billi jalimentaw l-enerġija mill-batteriji lura fil-grilja f'ħinijiet ta' domanda ġenerali għolja għall-elettriku. Għaldaqstant, il-punti tal-iċċarġjar għandhom jużaw sistemi ta' miters intelliġenti, u l-prezz tal-elettriku f'punt tal-iċċarġjar għandu jkun ibbażat fuq is-suq, b'mod li jiġi promoss il-konsum (u l-ħażna) flessibbli tal-elettriku permezz tal-ipprezzar dinamiku.

(14) Fir-rigward tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi li ma jkunux ta' aċċess pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza, u jimmiraw li jottimizzaw is-sinerġiji bi pjanijiet ta' implimentazzjoni ta' miters intelliġenti skont l-obbligu tal-Anness I.2 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE[17]. Il-punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku bħalissa mhumiex parti mill-attivitajiet regolati ta' operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, kif inhu ddefinit fil-Kapitolu VI tad-Direttiva 2009/72/KE.

(15) Fl-2010, il-Kummissjoni tat Mandat (M468) lill-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni (ESOs) biex joħorġu standards ġodda, jew biex jirrevedu l-istandards eżistenti, bil-għan li jiżguraw l-interoperabbiltà u l-konnettività bejn il-punt ta' provvista tal-elettriku u s-sistema tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. CEN/CENELEC waqqaf Grupp Fokus, li ppubblika rapport f'Ottubru 2011. Filwaqt li r-rapport fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet, ma ntlaħaq l-ebda kunsens fuq għażla ta' interfaċċa standard waħdanija. Għaldaqstant, teħtieġ aktar azzjoni ta' politika sabiex tipprovdi soluzzjoni mhux proprjetarja li tiżgura l-interoperabbiltà mal-UE kollha.

(16) Faċilitajiet tal-elettriku fuq ix-xatt jistgħu jaqdu t-trasport marittimu u tal-ilmijiet interna bħala provvista ta' enerġija nadifa, partikularment f'portijiet marittimi u ta' ilmijiet interni fejn il-kwalità tal-arja mhix tajba jew fejn hemm livelli għoljin ta' storbju.

---

17 ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.

(17) Il-vetturi tal-idroġenu, inklużi l-vetturi b'żewġ roti li jaħdmu bl-idroġenu, bħalissa għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq, iżda l-bini ta' infrastruttura suffiċjenti għall-forniment tal-idroġenu jkun essenzjali biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu fuq skala ikbar.

(18) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-idroġenu lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment għall-vetturi b'mutur li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu f'ċerta żona tat-territorju nazzjonali, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet urbani. Dan ikun jippermetti lill-vetturi tal-idroġenu jiċċirkolaw mal-Unjoni kollha.

(19) F'dak li għandu x'jaqsam mal-vetturi li jaħdmu bil-gass naturali, hemm madwar 3 000 punt ta' forniment tal-fjuwil attivi fl-Unjoni. Punti ta' forniment ġodda jistgħu jiġu installati faċilment, ipprovduti miż-żona koperta bħalissa min-netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass fl-Unjoni, dejjem jekk il-kwalità tal-gass tkun tajba biżżejjed għall-vetturi li jużaw it-teknoloġiji eżistenti u avvanzati.

(20) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinbena infrastruttura ta' aċċess pubbliku għall-forniment tal-Gass Naturali Kkompressat gassuż (CNG) lill-vetturi b'mutur, b'distanzi bejn il-punti ta' forniment li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG mal-Unjoni kollha, kif ukoll ċertu għadd ta' punti ta' forniment installati f'agglomerazzjonijiet urbani.

(21) Il-Gass Naturali Likwifikat (LNG) huwa fjuwil alternattiv attraenti għall-bastimenti, biex jilħqu r-rekwiżiti ta' tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils marittimi fiż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit, li jolqtu nofs il-bastimenti li jbaħħru fit-Trasport Marittimu Ewropew fuq Distanzi Qosra, kif inhu pprovdut fid-Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu[18]. Netwerk ewlieni ta' punti ta' forniment tal-LNG għall-bastimenti marittimi u tal-ilmijiet interni għandu jkun disponibbli, mill-inqas, sa tmiem 2020. L-enfażi inizjali fuq in-netwerk ewlieni ma għandhiex teskludi li, fil-perspettiva aktar fit-tul, l-LNG isir disponibbli wkoll f'portijiet barra min-netwerk ewlieni, partikularment dawk il-portijiet li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operazzjonijiet ta' trasport (bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' servizz lil hinn mix-xatt, eċċ.).

(22) L-LNG jista' joffri wkoll teknoloġija kosteffiċjenti għall-vetturi tqal, biex jilħqu l-limiti stretti ħafna ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, skont l-istandards Euro VI[19].

(23) In-netwerk ewlieni stabbilit fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport[20] għandu jkun il-bażi għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-LNG, billi jkopri l-flussi ewlenin tat-traffiku, u jagħti lok għal benefiċċji tan-netwerk.

---

[18] ĠU L 327, 27.11.2012.

[19] Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE, ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1-13.

[20] ĠU L xxx.

(24) Bid-diversità dejjem tikber fit-tipi ta' fjuwils għall-vetturi b'mutur, flimkien mat-tkabbir kontinwu fil-mobbiltà bit-triq taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom mal-fjuwils differenti offruti fis-suq tal-Unjoni tal-fjuwils tat-trasport, mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE[21].

(25) Sabiex jiġi żgurat l-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva skont l-iżvilupp tas-suq u l-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-portafoll tal-fjuwils alternattivi, il-karatteristiċi tal-infrastruttura, u l-koperatura adegwata kif ukoll l-istandards għall-fjuwils. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fuq il-livell ta' esperti.

(26) Fl-istandards Ewropew, għandhom jingħataw fid-dettall speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà tal-punti tal-iċċarġjar u tal-forniment, li jkunu kompatibbli għalkollox mal-istandards internazzjonali rilevanti. In-nuqqas ta' standards Ewropej jipprevjeni l-għoti ta' referenzi ddettaljati għal ċerti speċifikazzjonijiet meħtieġa. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li jippubblikaw tali standards Ewropej skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE[22]; dawk l-istandards għandhom jissejsu fuq standards internazzjonali attwali, jew fuq ħidma attwali ta' standardizzazzjoni internazzjonali, fejn applikabbli. Fejn diġà hemm standards internazzjonali disponibbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fihom għandhom jintużaw bħala soluzzjoni intermedja, sakemm jiġu adottati standards Ewropej. Għall-istandards li għadhom ma ġewx ippubblikati, il-ħidma se tissejjes fuq: (i) "Configuration FF, IEC 62196-3:CDV 2012" għall-punti tal-iċċarġjar elettriku bid-DC mgħaġġel għall-vetturi b'mutur, (ii) ISO TC67/WG10 għall-punti ta' forniment tal-LNG għall-bastimenti ta' fuq l-ilma, iii) il-ħidma ta' ISO/TC 252 għall-forniment tas-CNG u tal-L-CNG għall-vetturi b'mutur. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadatta, permezz ta' atti ddelegati, ir-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mogħtija fl-istandards Ewropej.

(27) Fl-applikazzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' gruppi ta' esperti rilevanti, bħall-Grupp Espert Ewropew dwar Fjuwils Futuri għat-Trasport, li huwa magħmul minn esperti mill-industrija u mis-soċjetà ċivili, kif ukoll il-Grupp Espert Konġunt għat-Trasport u l-Ambjent, li jiġbor esperti mill-Istati Membri.

(28) Meta tiġi biex tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

[21] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88.
[22] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

(29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula proċeduri u speċifikazzjonijiet komuni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[23].

(30) Billi l-għan li jitrawwem żvilupp wiesa' tas-suq tal-fjuwils alternattivi ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri b'mod individwali, iżda jirrikjedi azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura d-domanda għal massa kritika ta' dawk il-vetturi għal żviluppi kosteffiċjenti mill-industrija Ewropea filwaqt li tippermetti l-mobbiltà mal-Unjoni kollha tal-vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ipprovdut f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex dawk l-għanijiet jintlaħqu,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fl-Unjoni bil-għan li tinqata' d-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt, u tistipula rekwiżiti minimi dwar il-bini ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi flimkien ma' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, inklużi punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u punti ta' forniment għall-gass naturali (l-LNG u s-CNG) u għall-idroġenu.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils li jissostitwixxu s-sorsi taż-żejt fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija lit-trasport. Jinkludu:

– l-elettriku,
– l-idroġenu,
– il-bijofjuwils kif iddefiniti fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
– il-fjuwils sintetiċi,
– il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (Gass Naturali Kkompressat – CNG) u f'forma likwifikata (Gass Naturali Likwifikat – LNG), u
– il-Gass Likwifikat miż-Żejt (LPG).

---

[23] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(2) "Punt tal-iċċarġjar" tfisser punt tal-iċċarġjar bil-mod jew punt tal-iċċarġjar mgħaġġel, jew installazzjoni għall-iskambju fiżiku tal-batterija ta' vettura elettrika.

(3) "Punt tal-iċċarġjar bil-mod" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettrika b'qawwa ta' 22 kW jew inqas.

(4) "Punt tal-iċċarġjar mgħaġġel" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti l-provvista diretta tal-elettriku lil vettura elettrika b'qawwa ta' aktar minn 22 kW.

(5) "Punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil ta' aċċess pubbliku" tfisser punt tal-iċċarġjar jew tal-forniment ta' fjuwil li jipprovdi aċċess mingħajr diskriminazzjoni lill-utenti.

(6) "Vettura elettrika" tfisser vettura fit-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi[24], b'veloċità ddisinjata massima ta' iktar minn 25 km/h, mgħammra b'mutur ta' trazzjoni wieħed jew aktar operat mill-elettriku u mhux permanentement imqabbad mal-grilja, flimkien mal-komponenti u s-sistemi tagħhom ta' vultaġġ għoli, li jkunu mqabbdin b'mod galvanizzat mal-assemblaġġ ta' vultaġġ għoli (high voltage bus) tas-sistema ta' propulsjoni elettrika.

(7) "punt ta' forniment tal-fjuwil" tfisser il-forniment ta' kwalunkwe fjuwil għajr l-LNG, permezz ta' pompa fiżikament stabbilita.

(8) "punt ta' forniment għal-LNG" tfisser il-forniment tal-LNG, jew permezz ta' pompa fiżikament stabbilita mqabbda ma' installazzjonijiet fissi jew mobbli (inklużi vetturi u bastimenti), jew permezz ta' kontenitur mobbli tal-LNG.

*Artikolu 3*
*Oqfsa ta' politika nazzjonali*

1. Kull Stat Membru għandu jadotta qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom, li jinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness I, u mill-inqas l-elementi li ġejjin:

– valutazzjoni tal-qagħda attwali u tal-iżvilupp futur tal-fjuwils alternattivi;
– valutazzjoni tal-kontinwità transfruntiera tal-kopertura tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;
– il-qafas regolatorju biex jappoġġja l-bini tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;
– miżuri ta' politika biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali;
– miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni u għall-manifattura;
– appoġġ għar-riċerka, għall-iżvilupp teknoloġiku u għad-demostrazzjoni;
– miri għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi;
– l-għadd ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi mistenni sal-2020;
– valutazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' forniment tal-LNG f'portijiet barra min-netwerk ewlieni TEN-T, li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operati ta' trasport, b'mod partikulari l-bastimenti tas-sajd;

[24] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

– fejn xieraq, arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra skont it-tieni paragrafu.

2. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, permezz ta' konsultazzjonijiet jew oqfsa ta' politika konġunta, biex jiżguraw li l-miżuri meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva jkunu koerenti u koordinati.

3. Il-fjuwils inklużi fl-oqfsa ta' politika nazzjonali biss għandhom ikunu eliġibbli għall-miżuri ta' appoġġ tal-Unjoni u nazzjonali għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

4. Għandhom jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bi qbil mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-TFUE.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-oqfsa tal-politika nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni [sa mhux aktar tard minn 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

6. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-oqfsa ta' politika nazzjonali, u tiżgura li hemm koerenza fuq il-livell tal-UE. Għandha tgħaddi lill-Parlament Ewropew ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali fi żmien sena mill-wasla tal-oqfsa ta' politika nazzjonali.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 sabiex timmodifika l-lista ta' elementi pprovduta fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni mogħtija fl-Anness I.

*Artikolu 4*

*Provvista tal-elettriku għat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu installati għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi, tal-anqas in-numru mogħti fit-tabella fl-Anness II, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

2. Tal-anqas 10 % mill-punti tal-iċċarġjar għandhom ikunu ta' aċċess pubbliku.

3. Il-punti tal-iċċarġjar bil-mod għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

   Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel għall-vetturi elettriċi għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.2 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħmir għall-punti tal-iċċarġjar bil-mod u mgħaġġel, kif stipulati fl-Anness III.1.1 u fl-Anness III.1.2 rispettivament, għandu jkun disponibbli b'kundizzjonijiet ekwi, raġonevoli u mingħajr diskriminazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvista tal-elettriku fuq ix-xatt għall-bastimenti ta' fuq l-ilma tiġi installata fil-portijiet, dejjem jekk dan ikun kosteffettiv u jkollu benefiċċju ambjentali.

5. Il-provvista tal-elettriku fuq ix-xatt għat-trasport marittimu u fl-ilmijiet interni għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.3 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

6. Il-punti tal-iċċarġjar kollha ta' aċċess pubbliku għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' miters intelliġenti kif inhu ddefinit fl-Artikolu 2(28) tad-

Direttiva 2012/27/UE, u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva.

7. L-Anness I.1(h) u l-aħħar subparagrafu tal-Anness I.2 tad-Direttiva 2009/72/KE għandhom japplikaw għad-dejta tal-konsum u għas-sistema tal-miters tal-punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi.

8. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu l-utenti tal-vetturi elettriċi milli jixtru l-elettriku minn kwalunkwe fornitur tal-elettriku, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsab irreġistrat il-fornitur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom id-dritt li jikkuntrattaw l-elettriku b'mod simultanju ma' fornituri differenti, b'mod li l-provvista tal-elettriku għal vettura elettrika tkun tista' tiġi kkuntrattata b'mod separat.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna tista' tistabbilixxi jew topera l-punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku, u li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jikkooperaw fuq bażi mhux diskriminatorja ma' kwalunkwe persuna tali.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezzijiet mitluba fil-punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku jkunu raġonevoli, u li ma jinkludu l-ebda penali jew tariffa projbittiva għall-iċċarġjar ta' vettura elettrika minn utent li ma jkollux relazzjonijiet kuntrattwali mal-operatur tal-punt tal-iċċarġjar.

11. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 dwar l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.1.1, l-Anness III.1.2 u l-Anness III.1.3.

*Artikolu 5*

*Provvista tal-idroġenu għat-trasport*

1. L-Istati Membri li fit-territorju tagħhom diġà jeżistu, fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, punti ta' forniment tal-idroġenu, għandhom jiżguraw li għadd suffiċjenti ta' punti ta' forniment ta' aċċess pubbliku jkunu disponibbli, b'distanzi bejniethom li ma jaqbżux it-300 km, sabiex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tal-idroġenu fit-territorju nazzjonali kollu, sa mhux aktar tard minn Diċembru 2020.

2. Il-punti ta' forniment tal-idroġenu għall-vetturi b'mutur għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.2 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 dwar l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.2.

*Artikolu 6*

*Provvista tal-gass naturali għat-trasport*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti punti ta' forniment tal-LNG, ta' aċċess pubbliku, għat-trasport marittimu u tal-ilmijiet interni, fil-portijiet marittimi kollha tan-Netwerk Ewlieni tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti punti ta' forniment tal-LNG, ta' aċċess pubbliku, għat-trasport f'ilmijiet interni, fil-portijiet interni kollha tan-Netwerk Ewlieni TEN-T, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li l-vetturi tqal b'mutur li jaħdmu bl-LNG jistgħu jivvjaġġjaw tul it-toroq kollha tan-Netwerk Ewlieni TEN-T. Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti punti ta’ forniment tal-LNG, ta’ aċċess pubbliku, b'distanza bejniethom li ma jaqbżux l-400 km, sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2020.

4. Il-punti kollha ta’ forniment tal-LNG għat-trasport marittimu u fl-ilmijiet interni għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.1 sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2015.

5. Il-punti ta’ forniment tal-idroġenu għall-vetturi b'mutur għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.2 sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2015.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli għadd suffiċjenti ta’ punti ta’ forniment tas-CNG, ta’ aċċess pubbliku, b'distanzi bejniethom li ma jaqbżux il-150 km, biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tas-CNG mal-Unjoni kollha, sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2020.

7. Il-punti kollha ta' forniment tas-CNG għall-vetturi b'mutur għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.3, sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2015.

8. Il-punti kollha ta’ forniment tas-CNG għall-vetturi b'mutur għandhom jipprovdu gass ta' kwalità rikjesta għall-użu fil-vetturi tas-CNG li jaħdmu bit-teknoloġiji attwali u avvanzati.

9. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8 dwar l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness III.3.1, l-Anness III.3.2. u l-Anness III.3.3.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni dwar:

- regolamenti tas-sikurezza fir-rigward tal-ħażna, it-trasport u l-proċess tar-riforniment tal-LNG;

- speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà bejn il-bastimenti u d-dgħajjes u bejn il-punti ta’ forniment tal-LNG fit-trasport marittimu u fl-ilmijiet interni.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9.

*Artikolu 7*
*Informazzjoni għall-konsumaturi dwar il-fjuwils tat-trasport*

1. Mingħajr ħsara għad-Direttiva 2009/30/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni rilevanti, ċara u sempliċi dwar il-kompatibbiltà bejn il-fjuwils kollha fis-suq u bejn il-vetturi tkun disponibbli:

(a) fil-pompi fil-punti kollha ta' forniment, fil-konċessjonarju tal-vetturi, u fil-faċilitajiet ta' kontroll tekniku fit-territorju tal-Istat Membru;

(b) fil-manwali tal-vetturi;

(c) fuq il-vettura stess. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għall-vetturi ġodda kollha mibjugħa fit-territorju tal-Istati Membri minn [id-data ta’ traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva], u għall-vetturi kollha l-oħra rreġistrati fit-territorju tal-Istati Membri mid-data tal-ewwel kontroll tekniku tal-vetturi wara [id-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

2. L-informazzjoni dwar il-kompatibbiltà tal-fjuwils imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata, fejn disponibbli u fejn xieraq għall-ilħiq tal-għanijiet ta’ din id-Direttiva, fuq l-istandards għat-tikkettar tal-fjuwil skont l-iskemi tan-Normi Ewropej (EN), kif inhuma elenkati fl-Anness III.4, u għandha tiġi implimentata espressjoni grafika ta' dawn l-istandards.

3. L-istess espressjoni grafika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tintuża għall-ilħiq tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiddefinixxu l-post speċifiku, fuq il-vettura, tal-informazzjoni dwar il-kompatibbiltà u l-espressjoni grafika tagħha, sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tagħha mal-Unjoni kollha. Fejn skemi tal-EN li jinkludu standards għat-tikkettar tal-fjuwil mhumiex disponibbli jew mhumiex xierqa għall-ilħiq tal-għanijiet ta’ din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiddeterminaw il-parametri tat-tikkettar tal-fjuwil għall-fjuwils introdotti fis-suq tal-Unjoni u li jilħqu l-livell ta' 1 % tal-volum totali tal-bejgħ, skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, u f'aktar minn Stat Membru wieħed.

5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9.

*Artikolu 8*
*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew minn data aktar 'il quddiem kif speċifikata fl-istess deċiżjoni. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3, 4, 5, u 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill matul perjodu ta’ xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel it-tmiem ta’ dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 9*
*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn għandha tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

*Article 10*
*Rapportar u reviżjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' politika nazzjonali u l-implimentazzjoni tiegħu sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u kull sentejn minn hemm 'il quddiem. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Anness I.

2. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn, b'seħħ minn [sentejn wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

– l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet meħudin minn kull Stat Membru;

– l-evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi, u l-impatt fuq l-ekonomija u l-ambjent;

– informazzjoni dwar il-progress tekniku u l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi koperti minn din id-Direttiva, jew ta' kwalunkwe fjuwil alternattiv ieħor.

Il-Kummissjoni tista' tissuġġerixxi kwalunkwe miżura xierqa.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jivvaluta r-rekwiżiti u d-dati stipulati f'din id-Direttiva fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura u l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u tas-suq tal-fjuwils alternattivi rispettivi, bl-akkumpanjament, fejn xieraq, ta' proposta leġiżlattiva.

*Artikolu 11*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għal tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Article 13*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS I

### Oqfsa ta’ politika nazzjonali

Il-Qafas ta’ Politika Nazzjonali għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

1. Qafas regolatorju

Qafas regolatorju għandu jikkonsisti f'miżuri li jappoġġjaw il-bini ta’ infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, bħal permessi għall-bini, permessi għall-parkeġġi, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji, jew konċessjonijiet ta’ stazzjonijiet tal-fjuwil.

2. Miżuri ta’ politika li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-qafas ta’ politika nazzjonali

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- Inċentivi diretti għax-xiri ta' mezzi tat-trasport li jużaw fjuwils alternattivi, jew għall-bini tal-infrastruttura;

- Il-possibbiltà ta' inċentivi fiskali għall-promozzjoni tal-mezzi tat-trasport li jużaw fjuwils alternattivi, kif ukoll għall-promozzjoni tal-infrastruttura tagħhom;

- L-użu ta’ akkwist pubbliku b'appoġġ għall-fjuwils alternattivi, inkluż l-akkwist konġunt;

- Inċentivi mhux finanzjarji fuq in-naħa tad-domanda: eż. aċċess preferenzjali għal żoni ristretti, politika tal-parkeġġ, korsiji ddedikati;

3. Appoġġ għall-implimentazzjoni u għall-manifattura

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, imqassam skont il-fjuwil u l-mod tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru).

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ ta’ impjanti għall-manifatturar ta’ teknoloġiji li jużaw il-fjuwils alternattivi, imqassam skont il-fjuwil u l-mod tat-trasport.

4. Riċerka, żvilupp teknoloġiku u demostrazzjoni:

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ tar-RTD&D fil-fjuwils alternattivi, imqassam skont il-fjuwil u l-mezz tat-trasport.

5. Miri

- miri nazzjonali għall-2020 għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru) u għall-infrastruttura rilevanti

- miri nazzjonali, stabbiliti sena wara sena, għall-implimentazzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti u għall-infrastruttura rilevanti, bil-għan li jintlaħqu l-miri nazzjonali għall-2020.

## ANNESS II

**Għadd minimu ta’ punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi f'kull Stat Membru**

| Stat Membru | Għadd ta’ punti tal-iċċarġjar (f'eluf) | Għadd ta’ punti tal-iċċarġjar ta' aċċess pubbliku (f'eluf) |
|---|---|---|
| BE | 207 | 21 |
| BG | 69 | 7 |
| CZ | 129 | 13 |
| DK | 54 | 5 |
| DE | 1503 | 150 |
| EE | 12 | 1 |
| IE | 22 | 2 |
| EL | 128 | 13 |
| ES | 824 | 82 |
| FR | 969 | 97 |
| IT | 1255 | 125 |
| CY | 20 | 2 |
| LV | 17 | 2 |
| LT | 41 | 4 |
| LU | 14 | 1 |
| HU | 68 | 7 |
| MT | 10 | 1 |
| NL | 321 | 32 |
| AT | 116 | 12 |
| PL | 460 | 46 |
| PT | 123 | 12 |
| RO | 101 | 10 |
| SI | 26 | 3 |
| SK | 36 | 4 |
| FI | 71 | 7 |
| SE | 145 | 14 |
| UK | 1221 | 122 |

| | | |
|---|---|---|
| **HR** | **38** | **4** |

# ANNESS III

## Speċifikazzjonijiet tekniċi

### 1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-iċċarġjar elettriku

#### 1.1. Punti tal-iċċarġjar elettriku bil-mod għall-vetturi b'mutur

Il-punti tal-iċċarġjar bil-mod b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'konnetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2:2012.

#### 1.2. Punti tal-iċċarġjar elettriku mgħaġġel għall-vetturi b'mutur

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'konnetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2:2012.

Il-punti tal-iċċarġjar mgħaġġel b'Kurrent Dirett (DC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, b'konnetturi tat-Tip "Combo 2", kif deskritt fl-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014.

#### 1.3. Elettriku fuq ix-xatt għall-bastimenti ta' fuq l-ilma

Il-provvista tal-elettriku fuq ix-xatt għall-bastimenti ta' fuq l-ilma, inklużi d-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi, għandha tikkonforma mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014, u, sakemm jiġi ppubblikat dan l-istandard, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandard IEC/ISO/IEEE 80005-1.

### 2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' forniment tal-idroġenu għall-vetturi b'mutur

2.1. Il-punti ta' forniment tal-idroġenu fuq barra li jiddistribwixxu l-idroġenu gassuż għall-użu bħala fjuwil f'vetturi fuq l-art għandhom jikkonformaw mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014, u, sakemm jiġi ppubblikat dan l-istandard, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ispeċifikazzjoni ISO/TS 20100:2008 Gaseous Hydrogen – Fuelling Stations.

2.2. Il-purità tal-idroġenu ddistribwit mill-punti ta' forniment tal-idroġenu għandha tikkonforma mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġu adottat sal-2014, u, sakemm ma jiġix ippubblikat dan l-istandard, mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-istandard ISO 14687-2.

2.3. Il-punti ta' forniment tal-idroġenu għandhom iħaddmu algoritmi ta' distribuzzjoni ta' fjuwil u tagħmir li jikkonformaw mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġu adottat tal-2014, u, sakemm jiġi ppubblikat dan l-istandard, mal-ISO 20100 Fuelling Protocols for Light Duty Gaseous Hydrogen Surface Vehicles.

2.4. Il-konnetturi għall-vetturi għall-forniment tal-idroġenu gassuż għandhom jikkonformaw mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġu adottat sal-2014, u, sakemm ma jiġix ippubblikat dan l-istandard, mal-istandard ISO 17268 Gaseous Hydrogen Land Vehicle Refuelling Connection Devices.

### 3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' forniment tal-gass naturali

#### 3.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' forniment tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) għall-bastimenti ta' fuq l-ilma

Il-punti ta' forniment tal-LNG għall-bastimenti ta' fuq l-ilma għandhom jikkonformaw mal-istandards EN rilevanti, li għandhom jiġu adottati sal-2014.

**3.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' forniment tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) għall-vetturi b'mutur**

Il-punti ta' forniment tal-LNG għall-vetturi b'mutur għandhom jikkonformaw mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014.

**3.3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' forniment tal-Gass Naturali Kkompressat (CNG) għall-vetturi b'mutur**

3.3.1. Il-konnetturi/reċipjenti tas-CNG għandhom jikkonformaw mar-Regolament 110 tal-ECE tan-Nazzjonijiet Uniti (li jirreferi għall-ISO 14469, partijiet I u II).

3.3.2. Il-punti ta' forniment tas-CNG u l-L-CNG għandhom jikkonformaw mal-istandard EN rilevanti, li għandu jiġi adottat sal-2014.

**4. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-fjuwils tal-petrol u tad-diżil li fihom bijofjuwils**

4.1. Il-petrol li jinkludi kontenut baxx tal-bijoetanol għandu jikkonforma mal-istandard EN228.

4.2. Id-diżil li jinkludi kontenut baxx tal-bijoetanol għandu jikkonforma mal-istandard EN590.

4.3. Il-pompi kollha tal-fjuwil li jiddistribwixxu l-petrol fil-punti ta' forniment għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti ta' tikkettar tal-fjuwil kif iddefiniti fl-istandard EN228.

4.4. Il-pompi kollha tal-fjuwil li jiddistribwixxu l-diżil fil-punti ta' forniment għandhom jimplimentaw ir-rekwiżiti ta' tikkettar tal-fjuwil kif iddefiniti fl-istandard EN590.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titlu tal-proposta / inizjattiva

1.2. Qasam / Oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta / inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Bażi għall-proposta / inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta’ ġestjoni previst(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta / inizjattiva

| |
|---|
| Direttiva dwar l-implimentazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi |

### 1.2. Qasam / Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[25]

| |
|---|
| It-trasport |

### 1.3. Natura tal-proposta / inizjattiva

X Il-proposta / l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta / inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja**[26]

☐ X Il-proposta / inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta / inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

#### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku / strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / inizjattiva*

| |
|---|
| L-Inizjattiva Ewlenija "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi" tal-istrateġija Ewropa 2020<br>Il-*WHITE PAPER* Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti |

#### *1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| <u>Għan speċifiku Nru 4</u><br>Li jsir aktar użu mill-modi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li titrawwem il-multimodalità (marbuta mal-għan ġenerali "Trasport Effiċjenti").<br>Attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i:<br>It-trasport intern, tal-ajru u marittimu |

[25] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

[26] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta / inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji / gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Il-bini ta' infrastruttura minima għall-fjuwils alternattivi u l-implimentazzjoni ta' standards tekniċi komuni mal-UE kollha<br><br>Manutenzjoni tal-pożizzjoni mexxejja tal-industrija tal-UE tal-vetturi u tal-bastimenti; kontribuzzjoni għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa<br><br>It-tneħħija tad-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt<br><br>Kontribuzzjoni lejn il-kisba ta' tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport sal-2050 |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / inizjattiva.*

| |
|---|
| L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar elettriku / tal-forniment ta' fjuwil<br><br>L-għadd ta' vetturi / bastimenti li jaħdmu bi fjuwils alternattivi<br><br>Il-perċentwal tat-tnaqqis fl-importazzjoni taż-żejt<br><br>Il-perċentwal tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport |

## 1.5. Bażi għall-proposta / inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u sodisfatt(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

| |
|---|
| Fuq medda qasira ta' żmien:<br><br>Kopertura ta' infrastruttura minima għall-elettriku, l-idroġenu, l-LNG (bastimenti ta' fuq l-ilma u trakkijiet) u s-CNG<br><br>It-tikkettar tal-fjuwil fil-punti ta' forniment tal-fjuwil u fuq il-vetturi<br><br>Fuq medda twila ta' żmien: Kopertura ta' infrastruttura ottimali għall-elettriku, l-idroġenu, l-LNG (bastimenti ta' fuq l-ilma u trakkijiet) u s-CNG |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| Jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' suq uniku għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u għall-vetturi u l-bastimenti li jaħdmu bi fjuwils alternattivi<br><br>Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet xierqa biex id-diversi atturi tas-suq jaqdu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom |

*1.5.3. Tagħlimiet li ttieħdu minn esperjenzi simili fil-passat*

| |
|---|
| L-inizjattivi u l-azzjonijiet ta' appoġġ fil-passat indirizzaw l-aktar il-produzzjoni tal-fjuwil, l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-vetturi, il-kummerċjalizzazzjoni tal-vetturi li jużaw fjuwils alternattivi, iżda l-bini tal-infrastrutturi meħtieġa ġie injorat.<br><br>Ir-riżultati ta' dawn l-esperjenzi jikkonferma l-ħtieġa għal azzjoni tal-UE fir-rigward tal-infrastrutturi. |

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

| |
|---|
| L-infrastrutturi tat-trasport - il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa TEN-T |

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta / inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- ☐ Proposta / inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

✕ Proposta / inizjattiva ta' **tul ta' żmien illimitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-adozzjoni tad-Direttiva

## 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[27]

✕ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

- ☐ aġenziji eżekuttivi
- ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[28]
- ☐ korpi nazzjonali mis-settur pubbliku / korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(speċifika)***

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fil-kaxxa "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

[27] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[28] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| L-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni dwar il-qafas ta' politika nazzjonali u l-iżvilupp tas-suq tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tagħhom, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali, sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u kull sentejn minn hemm 'il quddiem.<br><br>Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn, b'seħħ minn sentejn wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

| |
|---|
| Dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva<br><br>Implimentazzjoni mhix xierqa |

*2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)*

| |
|---|
| Rapporti perjodiċi tal-Istati Membri (l-ewwel rapport sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, u kull sentejn minn hemm 'il quddiem) |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

| |
|---|
| Finanzjament tal-UE previst għall-istudji ta' monitoraġġ. Dawn l-istudji se jiġu segwiti, kif xieraq, mis-servizzi tal-Kummissjoni. |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

L-investimenti se jiġġarrbu biss mill-industrija. Il-Kummissjoni se twettaq studju kull sentejn.

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

06.020300 Attivitajiet ta' appoġġ għall-Politika Ewropea tat-Trasport u d-Drittijiet tal-Passiġġieri. Il-finanzjament għandu jsir bir-riallokazzjoni tal-krediti (l-ebda impatt fuq l-MFF)

- Il-linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-baġit tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.

| Intestatura tal-qafas finanzjarj u pluriennali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru 06.020300 [Deskrizzjoni: Attivitajiet ta' appoġġ għall-Politika Ewropea tat-Trasport u d-Drittijiet tal-Passiġġieri] | Diff./ Mhux diff. (29) | minn pajjiżi tal-EFTA[30] | minn pajjiżi kandidati[31] | minn pajjiżi terzi | fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda rikjesti: NONE

*<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-baġit tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarj u pluriennali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura ……………………………………..] | Diff. / Mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | | | IVA / LE | IVA / LE | IVA / LE | IVA / LE |

29 Diff. = Approprjazzjonijiet Differenzjati / / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati
30 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
31 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | Numru 06.020300 | Intestatura: Attivitajiet ta’ appoġġ għall-Politika Ewropea tat-Trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri |
|---|---|---|

| DĠ: MOVE | | | Sena N[32] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit 06.020300 | Impenji | (1) | 0 | 250,000 | 0 | 250,000 | 0 | 250,000 | **0** | **750,000** |
| | Pagamenti | (2) | | | 250,000 | | 250,000 | | 250,000 | **750,000** |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[33] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | | (3) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MOVE | Impenji | =1+1a +3 | | 250,000 | | 250,000 | | 250,000 | | |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | | | 250,000 | | 250,000 | | 250,000 | **750,000** |

32 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / inizjattiva.

33 L-għajnuna u n-nefqa teknika u / jew amministrattiva b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u / jew ta’ azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), ta’ riċerka indiretta, ta’ riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA <….>**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | 250,000 | | 250,000 | | 250,000 | | **750,000** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | , | 250,000 | | 250,000 | | 250,000 | **750,000** |

**<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali<br>(Ammont ta' riferenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | 5 | " Nefqa amministrattiva " |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena N (€) | Sena N+1 (€) | Sena N+2 (€) | Sena N+3 (€) | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) (€) | | | TOTAL (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: MOVE | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani (**riallokazzjoni ta’ persunal**) | | 131,000 | 131,000 | 131,000 | 131,000 | 131,000 | 131,000 | 131,000 | **917,000** |
| • Nefqa amministrattiva oħra: Kumitat ta’ Ġestjoni - laqgħa kull sena | | 13,770 | 13,770 | 13,770 | 13,770 | 13,770 | 13,770 | 13,770 | **96,390** |
| **TOTAL DĠ MOVE** | Approprjazzjonijiet | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | **1,013,390** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | 144,770 | **1,013,390** |

miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

| | | Sena N[34] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 144,770 | 394,770 | | 394,770 | | 394,770 | | **1,329,080** |
| | Pagamenti | 144,770 | | 394,770 | | 394,770 | | 394,770 | **1,329,080** |

34 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi*

- ☐ Il-proposta / inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operattivi
- ✕ Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta' riżultat[35] | Kost medju tar-riżultat | Għadd ta' riżultati | Kost € | Numru ta' riżultati | Kost € | Għadd ta' riżultati | Kost € | Għadd ta' riżultati | Kost € | Għadd ta' riżultati | Kost € | Għadd ta' riżultati | Kost € | Għadd ta' riżultati | Kost € | Għadd totali ta' riżultati | Kost totali € |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 4[36] | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | Studji | 250,000 | 0 | 0 | 1 | 250;000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 3 | 750,000 |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 4 | | | 0 | 0 | 1 | 250;000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 3 | 750,000 |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI €** | | | 0 | 0 | 1 | 250;000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 1 | 250,000 | 0 | 0 | 3 | 750,000 |

35 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż. l-għadd ta' skambji finanzjati ta' studenti, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

36 Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi..."

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

- ✕ Il-proposta / inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprazzjonijiet amministrattivi (**riallokazzjonijiet ta’ persunal**)
- ☐ Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **N** [37]**(€)** | Sena **N+1 (€)** | Sena **N+2 (€)** | Sena **N+3 (€)** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) **(€)** | | | **TOTAL (€)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | **0 (riallokazzjoni ta' persunal)** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | **96,390** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | **96,390** |
| **Barra mill-INTESTATURA 5**[38] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | 13,370 | **96,390** |

37 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / inizjattiva.

38 L-għajnuna u n-nefqa teknika u / jew amministrattiva b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u / jew ta’ azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), ta’ riċerka indiretta, ta’ riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ✕ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani: **se ssir riallokazzjoni ta' persunal**
- ☐ Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST | 0.5 AD + 0.05 AST |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[39] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy*** [40] - fil-Kwartieri Ġenerali [41] | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy*** [40] - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AK, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji oħra tal-baġit (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u / jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |

[39] AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation*" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjoni); AL= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat.

[40] Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (qabel kienu linji "BA").

[41] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

| | |
|---|---|
| Persunal estern | |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ✗ Il-proposta / inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- ☐ Il-proposta / inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti ekwivalenti. |

- ☐ Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[42].

| |
|---|
| Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit konċernati u l-ammonti ekwivalenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- ✗ Il-proposta / inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta / inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal snin daqs kemm meħtieġ biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Speċifika l-korp ta' kofinanzjament* | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[42] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ✕ Il-proposta / inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta / inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - ☐ fuq ir-riżori proprji
  - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja kurrenti | Impatt tal-proposta / inizjattiva [43] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal kemm tista' kolonni skont il-ħtieġa sabiex turi l-perjodu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa milquta tal-baġit.

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

43 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.